# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 1 ta' Diċembru, 2021.**

**Numru 13**

**Rikors numru 115/15/1 LM**

**Gonzalo Jose Gomez Perez bħala mandatarju tas-soċjeta`** ***estera*** **Catapult Holding Inc**

**v.**

**Dr. Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud li b'digriet tat-2 ta' Marzu, 2015 ġew nominati kuraturi deputati għan-nom tal-assenti Warren David Baker u għan nom tal-assenti Jon Eric Effinger u b'digriet tat-12 ta' Diċembru 2016 il-kuraturi deputati Dr. Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud ġew estromessi mill-kawża u bl-istess digriet Dr. Kevin Camilleri ġie nominat bħala mandatarju speċjali ta' Warren David Baker u Jon Eric Effinger, assenti minn dawn il-gżejjer**

<u>Preliminari:</u>

1. Permezz ta' din il-kawża s-soċjeta` attriċi Catapult Holding Limited

(li topera fis-settur tal-*igaming*) talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tordna lil Warren David Baker u lil Jon Eric Effinger jew min minnhom, sabiex iħallsuha s-somma ta' €323,082.48, rappreżentanti telf finanzjarju allegatament imġarrab minnha konsegwenza ta' *mala fede* u frodi fil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom bħala diretturi tas-soċjeta` Red Baron Corporation Ltd, liema soċjeta` kienet toffri servizzi ta' proċessar ta' pagamenti lill-istess soċjeta` attriċi.

2. Permezz ta' sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Settembru 2016 it-talbiet attriċi ġew milqugħa.

3. Minn tali sentenza ġew intavolati żewġ (2) appelli fil-konfront tal-istess konvenuti Warren David Baker u Jon Eric Effinger:

(a) Fit-18 ta' Ottubru 2016 sar appell minn Dr. Kevin Camilleri Xuereb bħala mandatarju ta' Baker u Effinger, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata u tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-istess soċjeta` attriċi.

(Fl-istess jum ippreżenta rikors fejn talab l-estromessjoni tal-kuraturi deputati u t-trasfużjoni tal-atti f'ismu bħala mandatarju ta' Baker u Effinger, liema rikors ġie milqugħ fit-12 ta' Diċembru 2016).

(b) Fl-20 ta' Ottubru 2018 sar appell minn Dr. Joseph Ellis u l-P.L.

Veronica Rossignaud, kuraturi deputati li f'dak l-istadju kienu għadhom jidhru għal Baker u Effinger, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` attriċi.

4. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell din il-Qorti qed tirriproduċi partijiet rilevanti mis-sentenza appellata:

"Il-Qorti:

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fid-9 ta' Frar, 2015 minn Gonzalo Jose Gomez Perez bħala mandatarju tas-soċjetà estera **Catapult Holding Inc** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi") fejn għar-raġunijiet imfissra talab li din il-Qorti:

1. Illi s-soċjetà rikorrenti topera inter alia fis-settur tal-gaming elettroniku;

2. Illi l-intimati huma d-diretturi tas-soċjetà Red Baron Corporation Limited, soċjetà li toffri servizzi amministrattivi inklużi servizzi ta' proċessar ta' pagamenti u li inter alia ddikjarat li kellha l-awtorizzazzjonijiet u l-liċenzji kollha meħtieġa sabiex topera;

3. Illi permezz ta' ftehim datat it-23 ta' Novembru, 2013 (anness u mmarkat bħala Dokument GGG 001) u ftehim datat l-10 ta' Marzu, 2014 (anness u mmarkat bħala Dokument GGG 008), Red Baron Corporation Limited intrabtet mas-soċjetà rikorrenti sabiex toffri servizzi ta' proċessar ta' pagamenti ai termini tal-istess kitbiet;

4. Illi f'Ottubru 2014 Red Baron Corporation Limited informat lis-soċjetà rikorrenti li ma kinitx sejra tħallas ammonti dovuti lis-soċjetà rikorrenti stante li d-diretturi ta' Red Baron Corporation Limited allegaw li Red Baron Corporation Limited kienet ser tinkorri multa mingħand il-kumpannija Master Card International minħabba l-fatt li s-soċjetà rikorrenti ma kinitx indikat kif meħtieġ in-natura talattivitajiet tagħha fl-indirizz tas-siti tagħha ("URL");

5. Illi għalhekk Red Baron Corporation Limited qiegħda tirrifjuta li tħallas fondi appartenenti lis-soċjetà rikorrenti, preċiżament erba' mitt elf u elf erba' mija u tnejn u sittin Dollaru Amerikan u disgħa u għoxrin ċenteżmu (US Dollars 401,462.29ċ) ekwivalenti, skont ir-rata applikabbli fit-18 ta' Diċembru, 2014, għall-tliet mija tlieta u għoxrin elf tnejn u tmenin Euro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€323,082.48ċ) u dan kif aħjar indikat fil-prospett anness mal-ittra uffiċjali annessa u mmarkata bħala Dokument GGG 003;

6. Illi filwaqt illi ma nġabu ebda provi konkreti sabiex jiġu sostanzjati l-allegazzjonijiet li s-soċjetà Red Baron Corporation Limited kienet ser tiġi mmultata minn Master Card International, kif jirriżulta ampjament fost l-oħrajn mill-komunikazzjonijiet bejn il-partijiet annessi u mmarkati bħala Dokumenti GGG 005A-P, is-soċjetà rikorrenti dejjem aġixxiet in buona fede u dejjem indikat l-attivitajiet tagħha fl-aktar mod ċar u kwalsiasi nuqqas ta' indikazzjoni tal-attività fuq l-URLs hija interament attribwibbli lil Red Baron Corporation Limited li kienet ben konsapevoli minn natura tas-siti u li kienet imqabbda sabiex tipproċessa l-pagamenti relattivi;

7. Illi di più, fi kwalunkwe każ il-ftehim bejn il-partijiet fl-ebda mod ma jawtorizza lil Red Baron Corporation Limited iżżomm pagamenti a tenur tal-allegazzjonijiet li qiegħda tagħmel, anke li kieku ma kinux totalment infondati kif fil-fatt huma;

8. Illi għalhekk a tenur ta' klawsola ta' arbitraġġ fil-ftehim bejn Red Baron Corporation Limited u Catapult Holding Inc, ir-rikorrent nomine intavola proċeduri ta' arbitraġġ kontra Red Baron Corporation Limited quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ ta' Malta (kopja annessa u mmarkata bħala Dokument GGA);

9. Illi di più, kif ser jirriżulta fil-mori ta' din il-kawża, l-intimati fil-proċeduri odjerni kienu ben konsapevoli minn dan kollu u aġixxew bi frodi u mala fede stante li jirriżulta li mhumiex debitament liċenzjati sabiex joperaw u stante li qegħdin iżommu l-flus indebitament u b'animu frawdolenti stante li mhuwiex minnu li hemm xi forma ta' theddid da parte ta' Master Card International u kull azzjoni f'dan is-sens ingħatat mill-intimati b'animu frawdolenti;

10. Illi l-intimati ġew interpellati diversi drabi sabiex jersqu għall-ħlas tal-fondi kollha dovuti u ċioè erba' mija u wieħed elf u erba' mija u tnejn u sittin Dollaru Amerikan u disgħa u għoxrin ċenteżmu (US Dollars 401,462.29ċ) ekwivalenti, skont ir-rata applikabbli fit-18 ta' Diċembru, 2014, għall-tliet mija tlieta u għoxrin elf tnejn u tmenin Euro u tmienja u erbgħin ċentezmu (€323,082.48ċ), saħansitra permezz ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 81/15 (kopja annessa u mmarkata bħala Dokument GG004) iżda xorta waħda baqgħu inadempjenti;

11. Illi mill-premessi jirriżulta ċar l-aġir frawdolenti tal-intimati jew minn minnhom li indebitament żammew u misapproprjaw flus fl-ammonti sostanzjali indikati mingħajr ebda ġustifikazzjoni valida u bi frodi;

12. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża kontra d-diretturi ta' Red Baron Corporation Limited fil-kapaċità personali tagħhom;

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi r-rikorrent nomine jitlob bir-

rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni jew provvediment ieħor li jidhrilha opportun:

1. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom aġixxew in mala fede u bi frodi fil-funzjonijiet tagħhom ta' diretturi ta' Red Baron Corporation Limited;

2. Tiddikjara konsegwentement li l-intimati jew min minnhom huma personalment responsabbli għat-telf finanzjarju mġarrab mis-soċjetà rikorrenti bħala riżultat tal-mala fede u frodi bil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom ta' diretturi tas-soċjetà Red Baron Corporation Limited;

3. Tiddikjara li l-intimati nomine jew min minnhom għandhom iħallsu lir-rikorrent nomine s-somma ta' tliet mija tlieta u għoxrin elf tnejn u tmenin Euro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€323,082.48ċ) ekwivalenti għall-erba' mija u wieħed elf u erba' mija u tnejn u sittin Dollaru Amerikan u disgħa u għoxrin ċenteżmu (US Dollars 401,462.29c), skont ir-rata ta' kambju applikabbli fit-18 ta' Diċembru, 2014;

4. Tordna lill-intimati nomine jew min minnhom iħallsu lir-rikorrent nomine s-somma ta' tliet mija tlieta u għoxrin elf tnejn u tmenin Euro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€323,082.48ċ) ekwivalenti għallerba' mija u wieħed elf u erba' mija u tnejn u sittin Dollaru Amerikan u disgħa u għoxrin ċenteżmu (US Dollars 401,462.29c), skont ir-rata ta' kambju applikabbli fit-18 ta' Diċembru, 2014;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 18 ta' Diċembru, 2014 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 81/15 u bl-imgħaxijiet kontra l-intimati nomine jew min minnhom sa l-effettiv pagament li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni;

Rat ir-Risposta tal-**Avukat Dottor Joseph Ellis u tal-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud fil-kwalità tagħhom ta' kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Warren David Baker u l-assenti Jon Eric Effinger** li permezz tagħha eċċepew illi:

1. fil-kwalità tagħhom ta' kuraturi deputati mhumiex edotti mill-fatti u jirriżervaw li jdaħħlu risposta ulterjuri.

2. Subordinatament, l-esponenti nomine mhumiex il-leġittimi kontradittturi stante li ma teżisti l-ebda relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet.

*…omissis…*

Ikkunsidrat:

Illi bħala fatti jirriżulta li:

(1) Is-soċjetà attriċi topera fis-settur tal-*gaming* elettroniku. Il-konvenuti huma d-diretturi tas-soċjetà Red Baron Corporation Limited, li toffri servizzi amministrattivi inkluzi servizzi ta' ipproċessar ta' pagamenti. Permezz ta' ftehim datat it-23 ta' Novembru, 2013 u ftehim datat l-10 ta' Marzu, 2014 Red Baron Corporation Limited intrabtet mas-soċjetà attriċi sabiex toffri servizzi ta' ipproċessar ta' pagamenti ai termini tal-istess ftehim. Il-proċess kien li l-klijenti tas-soċjetà attriċi jagħmlu depożitu permezz tal-VISA jew MasterCard. Dawn jiġu ttrasferiti mill-banek lis-soċjetà Red Baron Corporation Limited wara li jżommu 10% mill-fondi, li mbagħad kellha tgħaddihom lis-soċjetà attriċi Catapult Holding Inc fi żmien ġimagħtejn minn meta tirċievi l-fondi mill-banek. Il-konvenuti, diretturi ta' Red Baron Corporation Limited iddikjaraw filftehim suċċitati li Red Baron Corporation Limited kellha l-awtorizzazzjonijiet u l-liċenzji kollha meħtieġa sabiex topera [1]. B'danakollu, irriżulta mill-provi li dan ma kienx minnu. Jirriżulta mid-depożizzjoni ta' Dr Cynthia Debono Mizzi, rappreżentanta tal-Authorization Unit tas-Servizzi Finanzjarji, responsabbli biex teżamina applikazzjonijiet għal servizzi finanzjarji, li la Red Baron Corporation Limited u lanqas id-diretturi tagħha (il-konvenuti) qatt m'applikaw għall-liċenzja [2];

(2) Red Baron Corporation Limited għandha tħallas lis-soċjetà attriċi, $401,462.29c Amerikani, ekwivalenti, skont ir-rata applikabbli fit-18 ta' Diċembru, 2014, għal €323,082.48c kif muri fil-prospett esibit [3];

(3) Il-pagamenti li s-soċjetà konvenuta kellha tgħaddi lis-soċjetà attriċi mill-ewwel bdew jintbagħtu tard, imbagħad bdew jintbagħtu wkoll bin-nieqes, sakemm f'Ottubru 2014 Red Baron Corporation Limited informat lis-soċjetà rikorrenti li ma kinitx sejra tħallas l-ammonti dovuti lis-soċjetà rikorrenti stante li l-konvenuti diretturi ta' Red Baron Corporation Limited allegaw li Red Baron Corporation Limited kienet ser tinkorri multa mingħand il-kumpannija Master Card International minħabba l-fatt li s-soċjetà attriċi ma kinitx indikat kif meħtieġ in-natura tal-attivitajiet tagħha fl-indirizz tas-siti tagħha ("URL"). Dan jirriżulta li mhuwiex minnu billi s-soċjetà attriċi dejjem aġixxiet in buona fede u dejjem indikat l-attivitajiet tagħha bl-aktar mod ċar. Għalhekk kwalsiasi nuqqas ta' indikazzjoni tal-attivita fuq l-URLs hija interament attribwibbli lil Red Baron Corporation Limited, li kienet ben konsapevoli min-natura tas-siti u li kienet imqabbda sabiex tipproċessa l-pagamenti relattivi.

Is-soċjetà Red Baron Corporation Limited, tramite d-diretturi konvenuti ma ġabet l-ebda prova konkreta sabiex jiġu ssostanzjati l-allegazzjonijiet li kienet ser tiġi mmultata minn Master Card International. Dan jirriżulta fost l-oħrajn mill-komunikazzjonijiet bejn

[1] Affidavit ta' Malcolm Azzopardi, para. 16.
[2] Fol. 427.
[3] Fol. 98 u 99.

il-partijiet li ġew esibiti. Bi tweġiba, id-diretturi konvenuti pprovdew korrispondenza suspettuża li ma kinitx tidher li ġejja minn bank jew minn services provider bona fide. Mitlubin jipprovdu iktar informazzjoni, id-diretturi ġabu l-iskuża fjakka li ma setgħux jipprovdu iktar informazzjoni billi kienet miktuba bil-lingwa Thai.[4]

(4) Il-konvenut John Effinger beda jġib ħafna skużi għan-nuqqas tal-pagamenti bħal li nqabad f'maltempata. Dwar il-problema li allega li kien hemm mal-Mastercard, dan ta verżjonijiet differenti: l-ewwel qal li ċċarġjawh $25,000 multa imbagħad biddel din iċ-ċifra għal $250,000 u għal $500,000, imbagħad daqqa jgħid li ċ-ċifra kienet $250,000 u daqqa $500,000. Huwa qatt ma pprovda l-korrispondenza mal-Mastercard.[5]

(5) Irriżulta minn riċerka li għamlet is-soċjetà attriċi online li l-konvenuti kienu involuti f'allegazzjonijiet ta' harassment sesswali ta' minorenni.[6]

(6) Skont affidavit ta' Mary Grace B. Flores, rappreżentanta ta' Xingu Ventures NV (Xingu) – kumpannija rreġistrata fin-Netherlands, il-konvenuti ġew akkużati mill-kumpannija tagħha bi frodi simili fil-Filippini.[7]

(7) fi kwalunkwe każ il-ftehim bejn il-partijiet fl-ebda mod ma jawtorizza lil Red Baron Corporation Limited iżżomm pagamenti a tenur tal-allegazzjonijiet li qiegħda tagħmel, anke li kieku ma kinux totalment infondati kif fil-fatt huma.

**Ikkunsidrat:**

Illi s-soċjetà attriċi ppruvat sal-grad ta' probabbiltà li trid il-liġi li l-konvenuti aġixxew bi frodi u mala fede stante li jirriżulta li daħlu fi ftehim mas-soċjetà attriċi li fih iddikjaraw li kienu liċenzjati sabiex joperaw, mentri fil-fatt ma kinux. Imbagħad il-konvenuti żammew il-flus li suppost għaddew lis-soċjetà attriċi taħt il-pretest falz ta' xi forma ta' theddid ta' sanzjonijiet da parti ta' Master Card International.

Illi l-kuraturi deputati ma jagħmlu l-ebda difiża kontra l-provi dwar il-frodi allegatament kommessa. Huma jqanqlu kwistjoni waħda biss: dik li l-konvenuti aġixxew bħala diretturi ta' kumpannija minnhom rappreżentata u għalhekk m'għandhom l-ebda relazzjoni ġuridika personali mas-soċjetà attriċi.

*…omissis….*

---

[4] Affidavit ta' Gonzalo Jose Gomes Perez a fol. 337.
[5] Para. 11 tal-affidavit ta' Malcolm Azzopardi, mill-accounting department ta' Island Gate Limited, li tamministra lis-soċjetà attriċi, a fol. 391.
[6] Para. 17 tal-affidavit ta' Malcolm Azzopardi, a fol. 391.
[7] Fol. 415.

Illi kull att kriminali jista' jagħti lok għal responsabbiltà ċivili u għalhekk il-frodi, li hija att kriminali, kommessa minn direttur ta' kumpannija, tesponieh ukoll, personalment, għad-danni ċivili. Li l-frodi hija waħda mill-każijiet li fihom id-diretturi ta' kumpannija jġorru responsabbilità personali, anke fl-assenza ta' dispożizzjoni *ad hoc* fil-liġi tal-Kumpanniji jew xi liġi oħra, ġie stabbilit fis-sentenza ta' din il-Qorti, diversament ippreseduta, fl-ismijiet **Anthony Briffa vs. Vincent Oliver Abela**[8] :

*…omissis…*

**Decide**

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda tiċħad l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika mressqa mill-kuraturi tal-konvenuti, u tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi billi:**

**1. Tiddikjara li l-konvenuti agixxew in mala fede u bi frodi fil-funzjonijiet taghhom ta' diretturi tas-soċjetà Red Baron Corporation Limited;**

**2. Tiddikjara konsegwentement li l-konvenuti huma personalment responsabbli għat-telf finanzjarju mġarrab mis-soċjetà attriċi bħala riżultat tal-mala fede u frodi fil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom ta' diretturi tas-soċjetà Red Baron Corporation Limited;**

**3. Tiddikjara li l-konvenuti għandhom jagħtu lis-soċjetà attriċi is-somma ta' tliet mija tlieta u għoxrin elf tnejn u tmenin Euro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€323,082.48c) ekwivalenti għall-erba' mija u wieħed elf u erba' mija u tnejn u sittin Dollaru Amerikan u disgħa u għoxrin ċenteżmu (US Dollars 401,462.29c), skont ir-rata ta' kambju applikabbli fit-18 ta' Diċembru, 2014;**

**4. Tordna lill-konvenuti solidalment bejniethom iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tliet mija tlieta u għoxrin elf tnejn u tmenin Euro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€323,082.48c) ekwivalenti għall-erba' mija u wieħed elf u erba' mija u tnejn u sittin Dollaru Amerikan u disgħa u għoxrin ċenteżmu (US Dollars 401,462.29c), skont ir-rata ta' kambju applikabbli fit-18 ta' Diċembru, 2014.**

**Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 18 ta' Diċembru, 2014 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 81/15 u bl-imgħax legali mid-data jew dati meta l-ammont sar dovut sad-data tal-eventwali ħlas effettiv. B'dan iżda l-ispejjeż tal-kuraturi deputati għandhom jitħallsu mis-soċjeta' attriċi".**

[8] Deċiża fit-28.03.2003 (PS).

Rikors tal-appell ta' Dr. Kevin Camilleri Xuereb bħala mandatarju tal-konvenuti Baker u Effinger (18.10.2016):

5. L-aggravji, in suċċint, huma s-segwenti:

(a) "*Electa una via*"

L-appellant *nomine* jargumenta li l-azzjoni istitwita fis-6 ta' Frar 2015 fiċ-Ċentru Malti għall-Arbitraġġ kontra s-soċjeta` Red Baron Corporation Ltd u l-azzjoni odjerna istitwita fid-9 ta' Frar 2015 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kontra d-diretturi ta' Red Baron Corporation Ltd huma msejsa fuq l-istess premessi u aspetti ġuridiċi u fattwali, fejn it-talba aħħarija hija li l-attur *nomine* jiġbor il-ħlas ta' €323,082.48. Jargumenta li ż-żewġ azzjonijiet mhumiex alternattivi jew sub-ordinati għal xulxin iżda huma bażikament kopja tal-istess azzjoni mressqa quddiem fora diversi u avversarji diversi. Isostni li ladarba l-attur *nomine* għażel li jressaq l-azzjoni quddiem iċ-Ċentru Malti ta' Arbitraġġ, huwa presuppost li rrinunzja għall-azzjoni odjerna. Konsegwentement isostni li l-konvenuti Baker u Effinger għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

(b) L-ebda relazzjoni ġuridika:

Fit-tieni lok jenfasizza li ma jeżisti l-ebda *legami* ġuridiku bejn is-

soċjeta` attriċi Catapult Holding Inc u l-konvenuti Baker u Effinger, u kuntrarjament għal dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti ssostni li ma kien hemm xejn mill-provi li juri *mala fede* jew frodi da parti ta' Baker u Effinger sabiex jitqiesu responsabbli personalment.

Rikors tal-appell tal-avukat Dr. Joseph Ellis u l-P.L. Veronica Rossignaud, kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti konvenuti Baker u Effinger (20.10.2016):

6. L-aggravju bażikament huwa wieħed u jirrigwarda n-nuqqas ta' dispożizzjoni tal-liġi *ad hoc* dwar responsabbilta` ċivili. L-appellanti *nomine* jargumentaw illi ladarba ma jeżistix provvediment *ad hoc* dwar ir-responsabbilta` ċivili ta' diretturi f'każ ta' allegat frodi, minkejja li l-leġislatur ħa ħsieb li jikxef il-*corporate veil* f'istanzi innumerevoli, huwa ċar li kwalunkwe partenza mill-prinċipju legali tal-personalita` ġuridika distinta u separata ta' soċjeta` kummerċjali minn dik tal-azzjonisti u l-uffiċjali tagħha għandha tingħata interpretazzjoni strettissima.

Risposta ta' Gonzalo Jose Gomez Perez *nomine* għar-rikors tal-appell tal-Avukat Joseph Ellis bħala kuratur deputat ta' Baker u Effinger (03.11.2016):

7. L-attur *nomine* wieġeb biex jgħid li din il-Qorti għandha tiċħad l-

appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

8. *In linea* preliminari jgħid li l-kuratur m'għandux *locus standi* fil-kawża stante li diġa` kien interpost appell mill-Avukat Dr. Kevin Camilleri Xuereb għan-nom ta' Baker u Effinger. Għalhekk isostni li l-appell huwa irritu u null. Sussidjarjament jgħid li l-kwistjoni dwar il-fatt li ma jeżistix "*provvediment ad hoc dwar ir-responsabbilta` ċivili ta' diretturi f'każ ta' allegat frodi*" li jifforma l-mertu tal-aggravju ta' Dr. Joseph Ellis *nomine*, diġa` kien ġie sollevat waqt it-trattazzjoni orali fejn il-Qorti kienet stiednet lill-partijiet sabiex jissottomettu noti ta' referenzi fir-rigward tal-argumenti tagħhom. Ifakkar li fil-fatt kien ressaq tali referenzi, li ma ġewx ribattuti mill-parti l-oħra.

<u>Risposta ta' Gonzalo Jose Gomez Perez *nomine* għar-rikors tal-appell tal-Avukat Kevin Camilleri Xuereb bħala mandatarju speċjali ta' Baker u Effinger (03.11.2016):</u>

9. L-attur *nomine* wieġeb biex jgħid li din il-Qorti għandha tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

10. <u>Preliminarjament</u> jgħid li r-rikorrent għandu jġib prova tal-mandat tiegħu sabiex jinterponi dan l-appell.

11. Sussidjarjament:

(a) B'referenza għall-ewwel aggravju jgħid li dan essenzjalment jikkonsisti f'tentattiv li jiġu sollevati eċċezzjonijiet fl-istadju tal-appell wara li kien hemm disinteress totali fl-ewwel istanza. Fi kwalunkwe każ jgħid li l-aggravju huwa totalment infondat għaliex is-soċjeta` appellata għandha kull dritt li filwaqt li tara kif tagħmel sabiex tirkupra l-fondi tagħha mingħand is-soċjeta` Red Baron Corporation Ltd, fl-istess waqt tfittex li d-diretturi jiġu dikjarati solidalment responsabbli.

(b) B'referenza għat-tieni aggravju jsostni li l-konklużjonijiet tal-ewwel Qorti huma msejsa fuq apprezzament korrett tal-provi billi l-appellanti aġixxew manifestament in *mala fede* u dan mhux biss għaliex ma kellhomx liċenzja kif meħtieġ mil-liġi, iżda minħabba diversi raġunijiet oħra, fosthom li qanqlu diversi skużi frawdolenti biex jiġġustifikaw in-nuqqas ta' ħlas da parti tagħhom.

**Konsiderazzjonijiet:**

12. Jibda' biex jingħad illi miż-żewġ appelli li ġew intavolati mill-konvenuti Baker u Effinger din il-Qorti sejra tqis l-ewwel wieħed: dak li sar mill-mandatarju tagħhom Dr. Kevin Camilleri Xuereb.

Il-prokura speċjali tal-mandatarju Dr. Kevin Camilleri Xuereb:

13. L-attur appellat *nomine* fir-risposta tal-appell tiegħu għall-appell ta' Dr. Camilleri Xuereb *nomine*, fl-ewwel lok sostna li l-istess kellu jipprova l-mandat tiegħu sabiex jinterponi dan l-appell.

14. Fil-fatt Dr. Camilleri Xuereb ippreżenta kopji tal-prokuri relattivi (Dok A u Dok B)[9] li permezz tagħhom il-konvenuti kienu nkarigawh bħala l-mandatarju speċjali tagħhom sabiex jappella mis-sentenza f'isimhom, u sabiex jirrappreżenta l-interessi tagħhom fil-kors tal-proċeduri.

L-ewwel aggravju tal-Avukat Dr. Kevin Camilleri Xuereb *nomine*:

15. Fis-6 ta' Frar 2015 Gonzalo Jose Gomez Perez bħala mandatarju tas-soċjeta` Catapult Holding Inc fetaħ proċeduri kontra s-soċjeta` Red Baron Corporation Ltd quddiem iċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ. Dawn il-proċeduri nfetħu abbażi tal-klawsola 11.7[10] tal-ftehim datat 23 ta' Novembru 2013 u tal-ftehim datat 10 ta' Marzu 2014 li permezz tagħhom is-soċjeta` Red Baron Corporation Ltd intrabtet mas-soċjeta` Catapult Holding Inc li toffrilha servizzi ta' proċessar ta' pagamenti. Fihom talab

[9] A fol 558 u 559 rispettivament.
[10] **11.7**: *"Any dispute arising out of or in connection with the agreement including any question regarding its existence, validity or termination, or the legal relationships established by this agreement, shall be referred to and finally resolved by arbitration under the laws of the Malta, which laws are deemed to be incorporated by reference to this clause: It is agreed that the place of the arbitration shall be Malta; and the language of the arbitration shall be English."*

hekk:

*"1. A declaration that the amount requested by claimant has been misappropriated and/or unlawfully withheld by respondent without any justification and/or with a fraudulent intent;*

*2. A declaration that the amount requested by claimant is due to claimant by respondent;*

*3. A declaration whereby respondent is ordered to pay unto claimant the sum of four hundred and one thousand and four hundred and sixty two American dollars and twenty nine cents (US Dollars 401,462.29c) equivalent to three hundred and twenty three thousand and eighty two Euros and forty eight cents (€323,082.48c);*

*4. A declaration whereby respondent is condemned to pay unto claimant interests at the highest rate permissible by law from the date the funds were due up to the date of effective payment;*

*5. A declaration whereby respondent is condemned to pay all the costs related to the present procedures, inclusive of the costs due to the Arbitration Centre, fees due to the arbitrator and any ancillary amounts and costs and fees relative to judicial letter dated 19th December 2014 (herewith attached as Dok GG003) and garnishee order no. 81/2015 (copy herewith attached as Dok GG004)".*

16. Imbagħad tlett ijiem wara, fid-9 ta' Frar 2015, l-istess Gonzalo Jose Gomez Perez bħala mandatarju tas-soċjeta` Catapult Holding Inc fetaħ il-kawża odjerna kontra d-diretturi tas-soċjeta` Red Baron Corporation Ltd quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Fiha talab hekk:

*"1. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom aġixxew in mala fede u bi frodi fil-funzjonijiet tagħhom ta' diretturi ta' Red Baron Corporation Limited;*

*2. Tiddikjara konsegwentement li l-intimati jew min minnhom huma personalment responsabbli għat-telf finanzjarju mġarrab mis-soċjetà rikorrenti bħala riżultat tal-mala fede u frodi bil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom ta' diretturi tas-soċjetà Red Baron Corporation Limited;*

*3. Tiddikjara li l-intimati nomine jew min minnhom għandhom iħallsu lir-rikorrent nomine s-somma ta' tliet mija tlieta u għoxrin elf tnejn u tmenin Euro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€323,082.48ċ) ekwivalenti għall-erba' mija u wieħed elf u erba' mija u tnejn u sittin Dollaru Amerikan u disgħa u għoxrin ċenteżmu (US Dollars 401,462.29c), skont ir-rata ta' kambju applikabbli fit-18*

*ta' Diċembru, 2014;*

*4. Tordna lill-intimati nomine jew min minnhom iħallsu lir-rikorrent nomine s-somma ta' tliet mija tlieta u għoxrin elf tnejn u tmenin Euro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€323,082.48ċ) ekwivalenti għallerba' mija u wieħed elf u erba' mija u tnejn u sittin Dollaru Amerikan u disgħa u għoxrin ċenteżmu (US Dollars 401,462.29c), skont ir-rata ta' kambju applikabbli fit-18 ta' Diċembru, 2014;*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 18 ta' Diċembru, 2014 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 81/15 u bl-imgħaxijiet kontra l-intimati nomine jew min minnhom sa l-effettiv pagament li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni";*

17. Fl-ewwel aggravju tiegħu l-avukat Dr. Kevin Camilleri Xuereb *nomine* jargumenta li ladarba fis-6 ta' Frar 2015 is-soċjeta` attriċi Catapult Holding Inc għażlet li tiftaħ proċeduri kontra s-soċjeta` Red Baron Corporation Ltd quddiem iċ-Ċentru Malti għall-Arbitraġġ sabiex tiġbor is-somma ta' €323,082.48, ma setgħetx fid-9 ta' Frar 2015 tiftaħ ukoll il-proċeduri odjerni kontra d-diretturi tal-istess soċjeta` Red Baron Corportation Ltd quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tiġbor l-istess somma. Jilmenta li dan imur kontra l-prinċipju ta' *"electa una via non datur recursus ad alteram"* u li jista' joħloq anomaliji.

18. Dan l-aggravju huwa wieħed fieragħ. Is-soċjeta` attriċi għamlet din il-kawża kontra Baker u Effinger abbażi tal-qerq allegat minnha. Hija azzjoni mnissla minn delitt u mhux minn ksur ta' obbligi kontrattwali. Il-klawsola tal-arbitraġġ (11.7) ma tapplikax għalihom għaliex il-ftehim kien bejnha u bejn is-soċjeta` Red Baron Corporation Ltd, u għalhekk ma setgħux tħarrku fil-proċeduri tal-arbitraġġ. Is-soċjeta` Red Baron Corporation Ltd da parti tagħha ma setgħetx titħarrek fil-kawża minħabba

l-klawsola tal-arbitraġġ. Għaldaqstant is-soċjeta` attriċi bilfors li kellha timxi kif imxiet. Il-prinċipju ta' "*electa una via non datur recursus ad alteram*" ma japplika bl-ebda mod għal dawn iċ-ċirkostanzi.

19. Kuntrarjament għal dak argumentat mill-appellant *nomine,* l-eżistenza taż-żewġ azzjonijiet ma jagħtu lok għal ebda anomalija. Waqt it-trattazzjoni orali li saret fl-1 ta' Novembru 2021 din il-Qorti ġiet infurmata li l-każ quddiem iċ-Ċentru Malti għall-Arbitraġġ inqata' favur is-soċjeta` Catapult Holding Inc. Fil-fatt ġie vverbalizzat hekk:

> *"Id-difensuri tal-partijiet jaqblu illi l-proceduri ta' arbitragg bir-referenza nru: I4282/2015 fl-ismijiet "Gonzalo Jose Gomez Peres noe vs Red Barrel* ***(recte: Baron)*** *Corp Ltd" gew finalment decizi in sede ta' arbitragg fit-3 ta' Jannar 2017, fejn it-talba tar-rikorrenti, ossia ghall-ammont ta' Eur 323,082.48 intlaqghet".*

20. L-argument tal-appellant *nomine* li f'każ li jiġu milqugħa t-talbiet tas-soċjeta` attriċi fiż-żewġ azzjonijiet jiġi li ser tispiċċa titħallas l-ammont ta' €323,082.48 għal darbtejn, huwa bla bażi għaliex jekk din il-kawża odjerna tinqata' wkoll favur is-soċjeta` attriċi, is-soċjeta` attriċi tista' tesegwixxi kontra min trid, u ħlas minn parti teħles ukoll lill-oħra.

<u>It-tieni aggravju tal-Avukat Dr. Kevin Camilleri Xuereb *nomine*:</u>

21. It-tieni aggravju jirrigwarda l-mertu. L-appellant *nomine* jsostni li l-allegazzjoni tal-*mala fede*/frodi da parti tal-konvenuti Baker u Effinger ma tirriżultax mill-provi. Jargumenta li ma hemm xejn fil-provi li kellu jwassal

għall-konklużjoni li kien hemm xi għemil doluż, frodi jew nuqqas ta' *bona fede* fid-diretturi Baker u Effinger. Jenfasizza li l-*bona fede* hija preżunta u li l-*mala fede* trid tiġi ppruvata minn min ikun allegaha. Jilmenta li l-*mala fede* b'relazzjoni mal-każ odjern ma tirriżultax minn sempliċi allegazzjonijiet ta' *harassment* fuq minorenni u jgħid li din l-allegazzjoni kienet intiża biex jiġi assassinat il-karattru tad-direttur. Ifakkar ukoll li s-soċjeta` attriċi stess kienet wettqet *due diligence* dwar is-soċjeta` konvenuta u li ma kienet sabet xejn negattiv. Jargumenta li bil-fatt biss li s-soċjeta` attriċi kienet imdejqa bil-prokrastinazzjoni tas-soċjeta` konvenuta biex twettaq il-ħlas ma jsegwix li kien hemm l-impronta ta' frodi jew *mala fede* da parti tad-diretturi. Kwantu għall-fatt li s-soċjeta` konvenuta ma kellhiex id-debita liċenzja, jgħid li dan il-fatt waħdu ma jistax jitqies bħala aġir frawdolenti tad-diretturi.

22. Din il-Qorti *invece* jirriżultalha li l-*mala fede* da parti tad-diretturi tirriżulta ppruvata u dan minħabba raġunijiet oltre dawk li jirreferi għalihom l-appellant *nomine*. Mhux ikkontestat li s-soċjeta` konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta` attriċi fl-ammont reklamat; il-ħlas pero` ma sarx għaliex skont id-diretturi tas-soċjeta` konvenuta, is-soċjeta` konvenuta kienet ser tinkorri multa mingħand il-kumpanija MasterCard International minħabba li s-soċjeta` attriċi ma kinitx indikat kif meħtieġ in-natura tal-attivitajiet tagħha fl-indirizz tas-sit elettroniku tagħha (URL). Kif osservat l-ewwel Qorti d-diretturi tas-soċjeta` konvenuta bl-ebda mod ma ssostanzjaw tali "raġuni" mogħtija minnhom. L-attur *nomine*, **Gonzalo**

**Jose Gomez Perez**, fl-affidavit tiegħu[11] xehed hekk:

> *"4. Over the course of the contractual relationship between us, barely a few months after the agreement was signed, we started noticing that the processing of funds by Red Baron was not always efficient and required interventions by us to be effected but we did not think much of it believing that these were normal initial problems;*
>
> *5. However in October 2014 Red Baron suddenly refused to provide us with any funds, on the basis of an absurd allegation that they were being threatened with a penalty by MasterCard International as the urls of the claimant's websites had been maliciously represented;*
>
> *6. Clearly we would not accept any of this as we had provided Red Baron with all the necessary information and we had never concealed anything from anyone as our activities were always perfectly legitimate and licensed.*
>
> *7. This notwithstanding Red Baron insisted that it would be withholding funds as security for any potential penalty from MasterCard;*
>
> *……*
>
> *12. Notwithstanding various calls to effect payment, inclusive of legal letters and judicial letters (copies of which indicating the way amounts due were worked out) respondent initially refused, providing highly suspicious correspondence purporting to support their claim (Dok GG007[12]) and subsequently failed to answer furher*

---

[11] Fol 337 et seq.

[12] Dan id-dokument GG007 (fol 294) miktub fuq *letter head* ta' iPayDNA.biz (indirizz: 3/F, Shun Feng International Centre, 182 Queens Road East, Wanchai, Hong Kong) jaqra hekk:

> *"December 3, 2014*
> *To: Managing Director of Red Baron Corp Thailand*
> *Re: Status of Credit Card Processing Accounts for Red Baron Co. Ltd*
>
> *Dear Mr Jon Effinger,*
> *As discussed previously, our acquiring bank in Thailand has given notification that your merchant account has been u sed to process Bingo/Gaming which it was not coded for. Aside from the verbal confirmation received and communicated to you previously I can confirm that I have viewed the written notice, written in Thai only. The notice from Mastercard is saying that you have been sending transactions from* www.cyberbingo.com *specifically.*
>
> *For this reason, all processing has been suspended and all funds have been frozen by the bank pending full audit and final action/decisions from Mastercard.*
>
> *I will continue to work on your behalf to lobby for as minimal a fine and disciplinary action as possible.*
>
> *Sincerely,*

*communications;*

*13. The letter provided was highly suspicious as it did not appear to originate from a bona fide financial services provider/bank and it was [not] backed by any evidence that MasterCard were behind any investigation. Furthermore the excuse that further information could not be provided as it was written in Thai is at best spurious and ridiculous as it could easily have been translated into English by a certified translator and communicated to us to avoid litigation…."*

23. Il-fatt li l-imsemmija ittra ma ġietx ikkorroborata b'dokument tal-Mastercard stess ċertament li titfa` dubju serju fuq il-ġenwinita` ta' tali ittra.

24. Ta' rilevanza wkoll hija x-xhieda bl-affidavit ta' **Malcolm Azzopardi**[13] mill-*accounting department* ta' Island Gate Ltd, li tamministra lis-soċjeta` attriċi, liema xhud jikkorrobora x-xhieda ta' Gomez Perez u anke jelabora fuq is-sensiela ta' skużi mogħtija għad-dewmien u nuqqas ta' ħlas:

*"6. …As always John would provide a different version each and every time I spoke to him. A very colourful excuse for late payment was that the chairman of the bank he had an account with got shot.*

*7. After I sent an email (attached)*[14] *listing all his different excuses he called me back to say he is a very serious man and after that he started settling every Friday.*

*…*

*9…..after millions of stupid excuses for not settlling on time (including getting caught in storms etx) he managed to come to four weeks in arrears instead of the agreed two weeks….*

*10. Around October 2014 Red Baron suddenly refused to provide us*

---

*Guan Soew,*
*President*
*CC. Bangkok Bank"*

[13] Fol 391.
[14] Fol 399.

*with any funds, on the basis of an absurd allegation that they were being threatened with a penalty by MasterCard International as the urls of the claimant's websites had been maliciously represented; as usual John changed his version each time we spoke to him. First it was MasterCard was fining them $25,000 as a slap on the wrist, and then he changed it to $250,000 and then $500,000. After that he kept on changing back and forth between $250,000 and $500,000. The relative discussions were telephonic as the matter was so urgent and the situation sufficiently precarious to merit an immediate verbal discussion.*

*11. We also asked John to provide us with the correspondence with MasterCard regarding this potential fine. To this day he has not yet provided us with anything from MasterCard".*

25. Ta' sinifikanza wkoll hija x-xhieda mogħtija minn **Mary Grace Flores**, rappreżentanta ta' Xingu Ventures NV (Xingu) kumpanija reġistrata fil-Pajjiżi l-Baxxi fejn għamlet referenza għall-kwerela li ppreżentat lis-*Cyber Crime Division* fejn akkużat lil erba' persuni lkoll involuti fil-kumpanija Red Baron Corporation Ltd (fosthom il-konvenuti Baker u Effington) ta' "estafa" (*swindling*). *Inter alia* fil-kwerela tispjega kif Baker u Effington ippruvaw jiġġustifikaw id-dewmien fil-ħlas li kellha tagħmel is-soċjeta` Red Baron Corporation Ltd, cirkostanzi li minnhom wieħed jista' jiġbed parellaliżmi għal dawk mertu tal-kawża odjerna, fejn il-konvenuti Baker u Effinger qalu li ma kinux f'pożizzjoni li jgħaddu l-flus minħabba li l-bank (li rriżulta fittizju) kien qed iżomm il-flus:

*"16. …respondents Effinger and Baker explained the delay of the remittance due to Xingu. They (mis)respresented to Complainant that the money due to Xingu are not yet with them as the same was still being withheld by their bank in Canada, a certain "Mercury Bank." The assured Complainant, however, that an upcoming meeting with "Mercury Bank" in Canada is being scheduled on February 18, 2015.*

*….*

*21. After the meeting, Complainant decided to find out more about*

> *"Mercury Bank". Her investigation revealed that there is no "Mercury Bank" in Canada. It this became clearer to Complainant that Respondents had no intention to remit the funds entrusted to them by Xingu. They scurrilously continued to defraud and misrepresent Xingu by passing the blame to a non-existent entity as the one allegedly responsible for withholding the funds".*

26. Minn dawn 'il fuq imsemmija provi din il-Qorti tikkondividi l-konklużjoni tal-ewwel Qorti li s-soċjeta` attriċi ppruvat sal-grad ta' probbabilta` li trid il-liġi li Baker u Effinger żammew l-ammont dovut lilha bi frodi u *mala fede.*

**Deċide:**

27. Għal dawn il-motivi, tiċħad l-appell ta' Dr. Kevin Camilleri Xuereb bħala mandatarju tal-konvenuti Baker u Effinger, u tikkonferma l-konklużjoni tal-ewwel Qorti; jiġi ppreċiżat pero` l-ħlas mill-kumpanija jeħles lill-konvenuti u *vice versa*

28. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-istess appellant *nomine.*

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm